

Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea



Volum 66

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

16 ta' Jannar 2023

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

OPINJONIJIET

Il-Kummissjoni Ewropea

2023/C 14/01

Opinjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Jannar 2023 dwar il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mid-dekummissjonar u ż-żarmar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Grohnde (KWG) fl-Istat Federali tas-Sassonja t'Isfel, il-Ġermanja

1

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2023/C 14/02

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10892 — APOLLO / HINES / VI-BA / AEDES) (l)

3

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2023/C 14/03

Rata tal-kambju tal-euro — It-13 ta' Jannar 2023

4

2023/C 14/04

Wiċċ nazjonali ġidid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

5

(l) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Bank Ewropew tal-Investiment

2023/C 14/05	Sejħa għall-Proposti — TIS 2023 - Ideat li jbiddlu d-dinja: it-Turnew għall-Innovazzjoni Soċjali tal-Istitut tal-BEI tal-2023	6
--------------	---	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2023/C 14/06	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10807 – VIASAT / INMARSAT) (l)	7
--------------	---	---

(l) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkommandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Jannar 2023

dwar il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mid-dekummissjonar u ż-żarmar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Grohnde (KWG) fl-Istat Federali tas-Sassonja t'Isfel, il-Ġermanja

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(2023/C 14/01)

Il-valutazzjoni t'hawn taħt saret skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom, mingħajr preġudizzju għal xi valutazzjoni addizzjonali li trid issir skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-obblig iż-żejt li jirriżultaw minnu u mil-leġiżlazzjoni sekondarja (¹).

Fil-24 ta' Frar 2022, f'konformità mal-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern tal-Ġermanja, id-Data Ġenerali dwar il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv (²) li jirriżulta mid-dekummissjonar u miż-żarmar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Grohnde (KWG).

Abbażi ta' din id-data u tat-tagħrif addizzjonali mitlub mill-Kummissjoni fis-16 ta' Ġunju 2022 u pprovdut mill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-27 ta' Lulju 2022, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanza mis-sit għall-eqreb fruntiera ta' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ in-Netherlands, hija ta' 160 km.
2. Waqt operazzjonijiet ta' dekummissjonar u żarmar normali tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Grohnde (KWG), ir-rilaxx ta' effluwenti likwid u gassużi radjuattivi ma għandhomx ikunu responsabbi li jirriżultaw f'esponenti li jkun sinifikanti mil-lat ta' saħħa, għall-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor fir-rigward tal-limiti tad-dożi stabbiliti fid-Direttivi tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza (³).
3. L-iskart radjuattiv solidu jinħażen temporanjament fuq is-sit (fis-sala l-ġdida tat-tħejjija tat-Trasport) qabel ma jiġi ttransportat lejn faċilitajiet liċenzjati ta' trattament jew rimi li jinsabu fil-Ġermanja.

(¹) Pereżempju, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aspetti ambjentali jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod ulterjuri. B'mod indikattiv, il-Kummissjoni tixtieq tiġibed l-attenzioni għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE; għad-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, kif ukoll għad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, u għad-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

(²) Ir-rimi tal-iskart radjuattiv skont it-tifsira tal-punt 1 tar-Rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/635/Euratom tal-11 ta' Ottubru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 36).

(³) id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-periki li jirriżultaw minn esponenti għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1).

L-iskart solidu u l-fdalijiet materjali mhux radjuattivi li jkunu konformi mal-livelli ta' approvazzjoni se jiġu skarikati mill-kontroll regolatorju għar-rimi bħala skart konvenzjonali, għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ. Dan se jsir f'konformità mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva tal-Istands Bażiċi tas-Sikurezza.

4. F'każ li jkun hemm skariki mhux ippjanati ta' effluwenti radjuattivi, li jistgħu jseħħu wara xi aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Data Ġenerali, id-dożi li x'aktarx jilħqu lill-popolazzjoni ta' Stat Membru ieħor mhux se jkunu sinifikanti mil-lat tas-sahħha, fir-rigward tal-livelli ta' referenza stabbiliti fid-Direttiva tal-Istands Bażiċi tas-Sikurezza.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-implementazzjoni tal-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv fi kwalunkwe għamla, li jirriżulta mid-dekummissjonar u miż-żarmar ta' Grohnde (KWG), li jinsab fl-Istat Federali tas-Sassonja t'Isfel, fil-Ġermanja, kemm waqt it-tħaddim normali kif ukoll fil-każ ta' aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Data Ġenerali, x'aktarx li ma tirriżultax f'kontaminazzjoni radjuattiva, li tkun sinifikanti mil-lati tas-sahħha, tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispażju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva tal-Istands Bażiċi ta' Sikurezza.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni
Kadri SIMSON
Membra tal-Kummissjoni*

II

(Komunikazzjonijiet)

**KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Il-Każ M.10892 — APOLLO / HINES / VI-BA / AEDES)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 14/02)

Fis-16 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jiaprovdha diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħiġ in-numru 32022M10892. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liggi tal-Unjoni Ewropea.

^(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĞENZJJI
TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro⁽¹⁾

It-13 ta' Jannar 2023

(2023/C 14/03)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,0814	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4494
JPY	Yen Ġappuniż	139,02	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,4471
DKK	Krona Daniża	7,4387	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7014
GBP	Lira Sterlina	0,88800	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4311
SEK	Krona Żvediża	11,2528	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 343,41
CHF	Frank Żvizzeru	1,0051	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	18,2482
ISK	Krona Iżlandiża	154,30	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,2729
NOK	Krona Norveġiża	10,6945	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 412,00
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	MYR	Ringgit Malażjan	4,6890
CZK	Krona Ċeka	24,011	PHP	Peso Filippin	59,440
HUF	Forint Ungeriż	396,96	RUB	Rouble Russu	
PLN	Zloty Pollakk	4,6888	THB	Baht Tajlandiż	35,751
RON	Leu Rumen	4,9423	BRL	Real Brażiljan	5,5512
TRY	Lira Turka	20,3196	MXN	Peso Messikan	20,4391
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5586	INR	Rupi Indjan	88,0960

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2023/C 14/04)



Wiċċ nazzjonali għall-muniti kommemorattiva l-ġdida taż-2 euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Franza

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ('). F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (⁹), l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro, huma awtorizzati joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġi ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-2 euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karakteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-2 euro, iżda n-naħħa nazzjonali tagħihom fiha disinn kommemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż emittenti: Franza

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-Logħob Olimpiku 2024

Deskrizzjoni tad-disinn: Mitt sena wara l-Logħob Olimpiku tal-1924, Franza qed terġa' tospita l-Logħob tas-Sajf, li se jsir f'Pariġi fl-2024, avveniment b'eku internazzjonali li l-intensità tiegħi gradwalment tinbena fis-snin li jwasslu għall-avveniment.

Fl-okkażjoni tal-countdown għal-Logħob Olimpiku, Monnaie de Paris tixtieq tiċċelebra l-mixja sal-Logħob. Għalhekk qed tippjana li kull sena, fl-2022, fl-2023 u fl-2024 toħroġ munita kommemorattiva ta' żewġ euro b'wiċċ oriġinali li jiċċelebra l-Logħob, permezz tal-wirt ta' Franza u ta' Pariġi.

Id-disinn jirrappreżenta l-ġenju, figura u ikona nazzjonali tan-numismatika Franċiża. Huwa qed jiġi ppreżentat jipprattika t-tfiegħ tad-diskus b'mod “antik” b'referenza għal-Logħob Olimpiku tal-era Antika. Is-siluwett tiegħi jidher ma' dak tal-Arc de Triomphe, element ewljeni tal-wirt Pariġin. Huwa jifforma assi komuni ma' dan il-monument emblematiku tar-rebħ. Fl-isfond, hija rrappreżentata korsa tal-atletika li fih tiddahħhal l-emblema ta' Pariġi 2024 fuq in-naħa tal-lemin. Id-data tas-sena, l-ittri RF u l-marki taż-żekka jiddaħħlu taħt l-arkata u madwar is-sieq tal-Arc.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 260 000

Data tal-ħruġ: Settembru 2022

(⁹) Ara I-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-učuh nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

(⁹) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-učuh nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Sejħa għall-Proposti**TIS 2023 - Ideat li jbiddlu d-dinja: it-Turnew għall-Innovazzjoni Soċjali tal-Istitut tal-BEI tal-2023**

(2023/C 14/05)

L-Istitut tal-BEI jorganizza t-tanax-il Turnew għall-Innovazzjoni Soċjali tiegħu.

It-TIS jippromwovi ideat innovattivi u jippremja l-inizjattivi li **joħolqu impatt soċjali u ambjentali**, li jkopru proġetti ffirxa wiesgħa ta' oqsma — mill-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-ħolqien ta' impjieg, għal teknoloġiji, sistemi u proċessi ġodda. Il-proġetti kollha jikkompetu għal żewġ premji f'Kategorija Ċenerali u l-proġetti li jindirizzaw it-tema ta' din is-sena ta' bliest u komunitajiet sostenibbli se jikkompetu wkoll għal żewġ premji fil-Kategorija Speċjalisti. Il-proġetti rebbieħa fiż-żewġ kategoriji se jingħataw l-ewwel jew it-tieni premju ta' EUR 100 000 jew EUR 40 000, u Premju tal-Għażla tal-Udjenza ta' EUR 10 000.

Segwina fuq Facebook: www.facebook.com/EibInstitute

Għal aktar informazzjoni dwar dan it-turnew u kif tissottometti proposta innovattiva, żur: <http://institute.eib.org/programmes/social/social-innovation-tournament/>

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10807 – VIASAT / INMARSAT)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 14/06)

1. Fid-9 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (').

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Viasat, Inc. (“Viasat”, l-Istati Uniti tal-Amerka),
- Inmarsat Group Holdings Limited (“Inmarsat”, ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Connect Topco Limited (“Connect Topco”, Guernsey).

Viasat se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll esklużiv ta’ Inmarsat.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

Il-konċentrazzjoni ġiet riferuta lill-Kummissjoni mill-Kummissjoni Spanjola tas-Swieq Nazzjonali u tal-Kompetizzjoni (“CNMC”) skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Ir-referenza kienet sussegwentament ingħaqdu magħha l-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, France, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, in-Norveġja, ir-Rumanija u l-Isvezja.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Viasat: kumpanija li hija kkwotata fil-borża u li tipprovi servizzi ta’ komunikazzjonijiet bidirezzjonal globalment bbażati fuq is-satellita, u hija s-sid u thad-diem erba’ satelliti ġeostazzjonarji li jduru mad-dinja. Viasat għandha tliet segmenti kummerċjali prinċipali: servizzi bis-satellia, networks kummerċjali u sistemi tal-gvern,
- Inmarsat: Kumpanija b'ishma privati li toffri servizzi ta’ komunikazzjonijiet bidirezzjonal globalment ibbażati fuq is-satellita u hija s-sid u tħaddem 15-il satellita ġeostazzjonarja li jdur mad-dinja. Inmarsat hija organizzata f'erba’ unitajiet kummerċjali: il-marittimu, il-gvern, l-avazzjoni u l-intrapriżza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li Ir-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10807 – VIASAT/INMARSAT

(') ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT